# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XVI**
**Illum il-Gimgha, 9 ta' Frar, 2001**

**Appell Nru 225/00**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Marlon Montebello**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Marlon Montebello talli fil-15 ta' Novembru, 1999 ghall-habta ta' 0.55 hrs fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, (**1**) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura nurmu AAM-451 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsur minhabba xorb jew drogi; (**2**) irrifjuta jew naqas milli jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Ottubru, 2000 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Marlon Montebello mhux hati u lliberatu mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali, minnu ppresentat fit-30 ta' Ottubru, 2000, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

1. Il-fatti huma, fis-sustanza, is-segwenti: fil-15 ta' Novembru, 1999 l-appellat, waqt li kien qed isuq il-vettura ta' missieru fit-triq indikata fl-imputazzjoni, habat ma karozza li kienet parkeggjata fil-genb tat-triq. Meta wasal fuq il-post is-Surgent Michael Buttigieg biex jiehu l-mizurazzjonijiet tas-soltu u jaghmel l-iskizz, dana xamm riha ta' xorb fuq l-appellat. Ghalhekk dana s-surgent sejjah membri tal-*Mobile Unit* li talbu kampjun tan-nifs lill-appellat ghal test tan-nifs. Fil-fatt hu ta zewg kampjuni ghal dana t-test, liema test irrisulta pozittiv; l-aktar livell baxx miz-zewg testijiet kien ta' 85 milligramma ta'

alkohol. L-appellat ghalhekk ittiehed id-Depot tal-Pulizija biex hemm jaghti zewg kampjuni tan-nifs ghall-analizi. Ghalkemm gie spjegat lilu aktar minn darba x'ghandu jaghmel biex jaghti dawn iz-zewg kampjuni, jidher li l-appellat ma bediex jonfoh fil-magna b'mod li seta' jigi registrat l-ammont ta' alkohol fin-nifs; il-kompjuter fil-magna ta dejjem ir-risultat bhala "incomplete".

2. L-ewwel qorti lliberat lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni peress li rriteniet li *"ma kien hemm ebda xhud okulari jew ahjar ma gie prodott ebda xhud okulari li ra lil Montebello jsuq."* Illiberat ukoll mit-tieni mputazzjoni ghax irriteniet li l-appellat (allura imputat) irnexxielu jipprova, sal-grad tal-probabbilita`, li hu ma setax johfoh fil-magna kemm kien hemm bzonn minhabba l-azzma li kien ibati minnha. Fis-sentenza appellata jinghad ukoll hekk: *"Ghalkemm darba li gie moghti l-*caution*, "ir-rifjut" ghandu l-konsegwenzi ta' test posittiv, pero` f'dan il-kaz lanqas gie ppruvat sufficjentement ir-rifjut."* Bazikament, ghalhekk, l-ewwel qorti lliberat mit-tieni imputazzjoni ghax irriteniet li n-nuqqas ta' l-appellat li jaghti kampjun tan-nifs ghall-analizi kien dovut ghal "inkapacita` fizika" li jaghti tali kampjun kif mahsub fil-proviso tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 15E tal-Kap. 65.

3. Qabel ma tghaddi biex tezamina l-aggravju ta' l-Avukat Generali, din il-Qorti thossha fid-dover li ghandha tosserva b'mod generali li ma hemmx necessarjament ness bejn ir-reat kontemplat fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 15A (l-ewwel imputazzjoni) u l-fatt li l-analizi tan-nifs (a differenza tat-test tan-nifs) ikun inkomplet jew ma jsirx. Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tosserva fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Francis Pace***, biex jigi deciz jekk persuna kienitx qed issuq "meta l-kapacita` taghha li ssuq sew [kienet] ghal xi hin imnaqqsa"[1] minhabba xorb (jew drogi) bi ksur ta' l-Artikolu 15A, wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni provi <u>ohra</u>, cioe` <u>apparti mir-risultat o meno ta' l-analizi maghmula skond l-Artikolu 15E</u>. Tali prova ohra tista' tinkludi il-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq, kif ukoll ir-risulatat tat-test (preliminari) tan-nifs maghmul taht l-Artikolu 15C. Kwantu ghall-hekk imsejjha "caution", din it-twissija (cioe` t-twissija li n-nuqqas jew rifjut li wiehed jaghti kampjun tan-nifs hu reat) hi mehtiega <u>biss</u> sabiex il-pulizija tkun tista' <u>tarresta</u> lil minn hekk jonqos milli jaghti il-kampjun ghat-test tan-nifs (mhux ghall-analizi), u dan skond l-Artikolu 15D(b); <u>ghall-finijiet tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15E(4) ebda twissija ma hi mehtiega</u> (ara ***Il-Pulizija v. Emanuel Camilleri***, App. Krim., 30 ta' April, 1999, u ***Il-Pulizija v. Anthony Cutajar***, App. Krim., 2 ta' Settembru, 1999).

---

[1] Art. 15A(2) tal-Kap. 65.

4. Ghalkemm l-Avukat Generali qieghed jitlob ir-revoka tas-sentenza appellata u li l-appellat Montebello jinstab hati minn din il-Qorti taz-zewg reati ipotizzati biz-zewg imputazzjonijiet, ir-ragunijiet ta' l-appell minnu mijguba jirrigwardaw biss it-tieni imputazzjoni. Bazikament l-appellant jikkontendi li l-ewwel qorti kienet zbaljata meta rriteniet bhala fatt li kien hemm "inkapacita` fizika" fis-sens tal-proviso tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 15E. A propositu ta' tali inkapacita`, din il-Qorti, fis-sentenza taghha tal-15 ta' Settembru, 2000 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Joseph Bonnici***, kienet fissret li meta l-ligi titkellem dwar "inkapacita` fizika jew mentali" qed tirreferi ghal inkapacita` li trid tezisti indipendentement mill-istat ta' intossikazzjoni li tkun fiha l-persuna li tintalab taghti l-kampjun, kif ukoll indipendentement mill-ansjeta` dovuta ghall-fatt li dik il-persuna tkun involuta f'incident awtomobilistiku. Inoltre, kif gie ritenut f'diversi sentenzi Inglizi in materja, "normally, expert medical evidence of the physical or mental incapacity to provide the specimen is required to support the defence and demonstrate the existence of the necessary causative link between the incapacity and the failure to provide" (Blackstone's Criminal Practice – 2000, Blackstone Press Limited (London) 2000, p. 878). Issa, fil-kaz in dizamina, jidher li gie presentat quddiem l-ewwel qorti certifikat mediku, taht firma allegatament ta' tabib, li jghid li l-appellat "ibaghti [**recte:** ibati] minn Bronchial Asthma u qieghed fuq il-kura ta' Ventolin Inhaler". Dana c-certifikat igib id-data tal-4 ta' Marzu, 2000. Fl-assenza tad-deposizzjoni tat-tabib li allegatament irrilaxxjah jew ta' affidavit skond l-Artikolu 646(7) tal-Kodici Kriminali, dana c-certifikat ma jaghmel ebda prova tal-kontenut tieghu. U, s'intendi, wisq anqas jispjega xi ness bejn l-allegata azzma u l-fatt li l-appellat naqas milli jaghti kampjun tan-nifs kif mitlub.

5. Mill-provi li semghet din il-Qorti jirrisulta li meta s-Supretendent Magro spjega lill-appellat ghal darba, darbtejn kif ghandu jonfoh, l-appellat xorta ma bdiex jonfoh sew fil-magna, anzi beda bil-kontra jigbed in-nifs 'l gewwa. Hu ma ta ebda spjegazzjoni lis-Supretendent hlief li qallu li ma jistax jonfoh. Mistoqsi jekk l-appellat dak il-hin kellux attakk ta' azzma, is-Supretendent wiegeb hekk: "Le, le. Fl-opinjoni tieghi deher li kien normali. Ghalhekk jiena ghidtlu 'ma tridx tonfoh'…il-misteru tieghi kien…li dan f'ebda mument lili ma qalli 'jien inbati bl-azzma u ma nistax nonfoh'. U li kieku qalli hekk, jien kont ser nispjegalu x'ghandu jaghmel f'dak il-kaz." L-appellat, meta xehed quddiem din il-Qorti fl-udjenza ta' l-1 ta' Dicembru, 2000, ammetta li ma kellu ebda diffikulta` sabiex jaghti n-nifs l-ewwel darba, cioe` ghat-test tan-nifs lill-ufficjali tal-*mobile unit*. Hu spjega, pero`, li meta wasal id-Depot hu beda jibza' minhabba l-fatt li l-karozza li kien qed isuq (u li habat biha) kienet ta' missieru. Huwa fisser li meta jkun imbezza' jew jeccita ruhhu jew ihoss xi "panic" jinqatghalu n-nifs: "…u dak il-hin peress li

bdejt nibza', u int trid tonfoh nifs qawwi u fit-tul, ma bediex jaghtini n-nifs. Mhux azzma kienet…minhabba l-biza beda jinqataghli n-nifs, mhux azzma, in-nifs ibattili tieghi…meta nibza' jew meta neccita ruhhi jew meta nhoss xi *panic* jew hekk jinqataghli nifsi…nifsi ma jibqax normali, jibda jbatti hafna." Mistoqsi x'rimedju hemm ghal tali sitwazzjoni, l-appellat wiegeb hekk: "Nikkalma u jigi wahdu, inkella jekk ma nkunx nista' nikkontrollah immur l-isptar u jaghmluli l-maskla."

6. Anke li kieku din il-Qorti kellha taccetta li huwa veru li l-appellat meta jkun imbezza' jew jeccita ruhhu jispicca jbati minn qtugh ta' nifs – u din il-Qorti hi propensa li taghti l-beneficcju tad-dubbju lill-appellat f'dan ir-rigward – xorta wahda tara li f'dan il-kaz kien hemm "nuqqas" da parti tieghu filli jaghti l-kampjun tan-nifs, liema nuqqas jammonta ghal ksur tal-ligi, u dan peress li huwa naqas milli jaghmel dak li kien ragjonevoli f'dik is-sitwazzjoni biex almenu jipprova jikkalma u jkun jista' b'hekk jaghti n-nifs kif mitlub. F'ebda hin huwa ma nforma lis-Supretendent Magro b'din il-problema li kellu assocjata mal-istat ta' ansjeta` tieghu; f'ebda hin ma talab ftit zmien biex ikun jista' jikkalma. L-"inakapacita` fizika" ma kienitx wahda assoluta izda wahda relattiva dipendenti fuq l-ansjeta` dovuta ghall-fatt li kien habat bil-karozza ta' missieru. Il-Qorti ma tistax taccetta li l-appellat anqas seta', bhala minimu, jitlob ftit zmien biex ikun jista' jikkalma, galadarba kien jaf li jekk u meta jikkalma n-nifs tieghu seta' jigi wahdu. Ghalhekk l-appellat ser jigi dikjarat hati skond it-tieni mputazzjoni.

7. Kwantu ghall-piena, din il-Qorti, in vista tac-cirkostanzi xi ftit insoliti tal-kaz, kif ukoll u aktar minhabba l-punt ta' dritt riferibbilment ghall-inkapacita` assoluta jew relattiva imsemmi fil-paragrafu 6 u li, safejn taf din il-Qorti, qed jigi enuncjat ghall-ewwel darba, hi tal-fehma li flok il-piena ta' multa jew ta' prigunerija ghandha tillibera lill-appellat skond id-disposizzjoni tal-Artikolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mill-lum. Din il-Qorti taghmilha cara li l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 qed jigi applikat f'dan il-kaz in via eccezzjonali ghar-ragunijiet imsemmija, u li bhala regola il-ksur ta' l-Artikoli 15A, 15B u 15E(4) ghandhom jigu puniti severament bil-pieni "ordinarji" ta' multa u/jew prigunerija, tenut kont li dawn ir-reati jincidu direttament fuq is-sigurezza fit-toroq taghna.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tiddisponi mill-appell ta' l-Avukat Generali billi tilqghu in parti, u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mit-tieni imputazzjoni, u minflok issibu hati skond din it-tieni mputazzjoni u tilliberah fit-termini ta' l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mill-lum (u dana wara li l-Qorti spjegat lill-imsemmi Marlon Montebello li jekk

huwa jikkometti xi reat iehor f'dawn is-sentejn huwa jkun jista jigi sentenzjat ghar-reat li tieghu qed jinsab hati llum); u tkkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur